

PROCĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA  
TAL-KOMPETIZZJONI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

**Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni  
(Il-Każ M.7924 — Bell AG/Coop Group/H.L. Verwaltungs-GmbH)**

**Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2016/C 50/08)

1. Fl-1 ta' Frar 2016 il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(1)</sup> li permezz tagħha l-impriża Bell AG ("Bell", l-Isvizzera), li tappertjeni lil Coop Group ("Coop", l-Isvizzera), takkwista fit-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet il-kontroll H.L.Verwaltungs-GmbH kollha kemm hi ("Huber", l-Awstrija) permezz ta' xiri ta' ishma.
2. L-attivitatiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:
  - għal Bell: il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bjegħ ta' laħam u prodotti tal-laħam, frott tal-baħar u prodotti ta' konvenjenza.
  - għal Coop: il-bejgħ bl-ingrossa ta' ikel u prodotti oħra, il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' laħam, prodotti tal-laħam, frott tal-baħar u prodotti ta' konvenjenza.
  - għal Huber: il-produzzjoni, l-ipproċessar u l-bejgħ ta' laħam tat-tiġieġ u d-dundjani.
3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata. Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar proċedura simplifikata għat-trattament ta' ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 <sup>(2)</sup>, ta' min jinnota li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stipulata f'dan l-Avviż.
4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-fax (+32 22964301), permezz tal-e-Mail lil COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu jew permezz tal-posta, bin-numru ta' referenza M.7924 — Bell AG/Coop Group/H.L. Verwaltungs-GmbH, fl-indirizz li ġej:

European Commission  
Directorate-General for Competition  
Merger Registry  
1049 Bruxelles/Brussel  
BELGIQUE/BELGIË

<sup>(1)</sup> ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").

<sup>(2)</sup> ĠU C 366, 14.12.2013, p. 5.